**L-isem:____________________ Il-klassi:______ Id-data:_____________**

# L-Istorja tal-Lingwa Maltija

## Is-Semitiku

Is-Semitiku influwenza lsienna minn żewġ aspetti, dak lessikali (il-vokabularju) u dak morfoloġiku (il-grammatika). Tajjeb ngħidu li l-grammatika tagħmel parti kbira mil-lingwa Maltija.

Għaldaqstant, illum se niffukaw fuq tliet aspetti li jagħmlu parti mil-lingwa tagħna; il-verbi, in-nomi u l-aġġettivi.

## Il-Verbi

Kliem li nużaw biex nuru azzjoni. Xi eżempji:

1. L-għalliema qed **titkellem** mal-istudenti.
2. Il-kelb **ġera** wara l-qattus.
3. Il-ħbieb marru **jieklu** pizza flimkien.



B'hekk nistgħu ngħidu li **titkellem**, **ġera** u **jieklu** huma verbi Semitiċi.

## In-Nomi

In-nomi huma ismijiet ta' nies, oġġetti u postijiet. Xi eżempji:

1. Leli mar sal-**Belt** bil-**mixi**.
2. It-**tfal** organizzaw il-**kotba**.
3. **Ommi** armat il-**mejda** għall-**ikel**.

B'hekk nistgħu ngħidu li **Belt**, **mixi**, **tfal**, **kotba**, **ommi**, **mejda** u **ikel** huma kollha nomi ta' nisel Semitiku.

## L-Aġġettivi

L-aġġettivi huma kliem li jiddeskrivu n-nom. Xi eżempji:

1. Il-libsa tal-għarusa kienet **bajda silġ**.
2. Il-ballun **tal-ġilda** nfaqa'.
3. M'hemmx aħjar minn ħobża biż-żejt **friska** wara għawma f'baħar **kalm**.

B'hekk nistgħu ngħidu li **bajda silġ**, **tal-ġilda**, **friska** u **kalm** huma kollha aġġettivi Semitiċi.

Chris Micallef, Sara Vella, Leontine Mallia © 2017 